# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 36 – IT-TNEJN 4 TA' MEJJU 2015

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku (wasal fid-8:55pm) |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat : | Simon Paul Fenech | Kunsillier (marid) |
| | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ (studju) |

*Kien hemm persuna waħda tattendi min-nofs il-laqgħa 'l quddiem.*

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 34 U 35**

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Kien hemm qbil li fl-aħħar ta' para. 5.5 tal-minuti nru. 34 għandha tiżdied is-sentenza 'Din it-talba ġiet milqugħa'.

1.3 Iż-żewġ settijiet ta' minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Is-SE infurmat li kienet ikkomunikat mal-avukat tal-Kunsill dwar il-kwistjoni tal-iskips u dan kien infurmaha li minħabba li ma kien hemm xejn fil-kuntratt li jindika li jistgħu jitnaqqsu l-iskips, il-Kunsill kellu jagħmel laqgħa mal-kuntrattur u l-avukat kien lest li jagħmel abbozz ta' ftehim ġdid. Sadanittant il-Kunsillier Mifsud informa li l-Iskola Sekondarja kienet waqfet topera u għaldaqstant issuġġerixxa li tintuża din l-iskip biex titpoġġa viċin ta' Binja Msieraħ fi Triq Dar il-Kaptan. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill għandu jagħmel prova għal xahar b'din l-iskip. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jagħmel laqgħa mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart.

2.2 Is-SE infurmat li fir-rigward tad-*doggie park*, hi u s-Sindku kienu ltaqgħu mad-Direttur fejn dan kien informa li min-naħa tal-Gvern Ċentrali seta' jgħin biss bix-xogħlijiet u l-perizja iżda ma kienx hemm fondi allokati għal *doggie parks*. Fil-fatt kien issuġġerixxa li l-Kunsill jieħu ħsieb li jinkludi d-*doggie park* fil-proġett li kien qed jaħdem fuqu biex jakkwista fondi mill-UE. Hawnhekk il-Kunsill qabel li s-SE għandha tibgħat lura lid-Direttur biex nitolbuh jagħmel din l-ispjega bil-miktub sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni min-naħa tal-Kunsill.

2.3 Il-Kunsillier Mifsud staqsa lis-Sindku jekk hu bħala Kunsillier kellux id-dritta li jkun jaf bl-eżatt dwar x'kellu jkun il-programm għal Jum l-Imtarfa wara li ntwera vidjo waqt il-lejla poe-mużikali dwar ix-xogħlijiet tal-Kunsill matul dawn l-aħħar sentejn. Huwa kompla li ma kienx jaqbel ma' li ntqal fil-vidjo għaliex ix-xogħol fuq il-proġett tal-bosk ilu li nbeda snin u għaldaqstant iħoss li dan sar biss bħala propoganda. Is-Sindku semma' parti mill-vidjo fejn jikkonferma li qed jingħad li x-xogħol fuq dan il-proġett ilu li beda jinħema minn qabel is-sentejn ta' din il-leġiżlatura. Hawnhek is-Sindku informa wkoll li l-vidjo kien sar f'isem il-Kunsill kollu u mhux f'ismu u li kien jirrifletti d-diskors li kien se jagħmel hu bħala Sindku għall-okkażjoni ta' Jum l-Imtarfa. Sadanittant huwa skuża ruħu mal-Kunsill li minħabba pressjoni ta' xogħol ma kienx laħaq bagħat nota lill-Kunsilliera biex javżahom li se jkun qed jagħmel vidjo biex jintwera waqt l-attività.

2.4 Hawnhekk wasal il-Viċi Sindku. Il-ħin kien id-8:55pm.

2.5 Is-SE infurmat li kienet iċċekkjat il-kommunikazzjonijiet dwar il-kwistjoni ta' Triq Gregorio Caraffa u jidher li kien hemm biss żewġ residenti ma kellhom oġġezzjoni. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandha tintbagħat talba ġdida lil TM sabiex il-parti d-dejqa biss issir fuq direzzjoni unika.

2.6 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar para. 3.2, is-SE infurmat li kienet għadha ma ppubblikatx l-offerti għall-*extensive patching* u *minor works*.

2.7 Għall-mistoqsija tas-Sindku jekk intbagħtx l-ilment dwar il-bus shelter ta' Triq ir-Reġimenti Maltin, is-SE infurmat li ma kinitx irċeviet kopja tiegħu u għaldaqstant ma setgħetx tikkonferma dak il-ħin. Se tassigura li jekk għadu ma ntbagħat dan jintbagħat l-għada stess.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li l-iskambju taż-żgħażagħ kien mar tajjeb ħafna u kellu tifħir anke mingħand l-organizzatriċi tal-istess skambju. Fil-fatt din kienet offriet ukoll li l-membri l-oħra tal-Kunsill setgħu imorru mal-grupp kemm-il darba jkunu lesti li jħallsu huma stess. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li kull individwu li xtaq jitla' kellu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha hu stess għaliex mhux permess li jsiru ħlasijiet simili bħala Kunsill. Hawnhekk ġibdet l-attenzjoni li l-ħlasijiet kollha involuti għall-iskambju kienu se jidhru fuq il-lista tal-pagamenti biex jiġu approvati però kienu se jiġu rifużi kollha lura lill-Kunsill min-naħa tal-Iżvediżi.

3.2 Is-Sindku informa li l-attivitajiet ta' Jum l-Imtarfa kienu marru tajjeb ukoll. Hawnhekk irringrazzja lill-entitajiet tal-lokal għall-appoġġ tagħhom kif ukoll lil Stephen Bonello tal-koperazzjoni. Huwa rrefera wkoll għal *email* li bagħat Stephen Bonello fejn wera x-xewqa li jkompli jaħdem fuq ix-xelter u li tiġi esplorata wkoll possibbiltà ta' ftuħ ta' xelter ieħor fi Triq l-Istazzjon. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

3.3 Fuq talba tas-Sindku, is-SE se ġġib xi kwotazzjonijiet għal compactor biex jintuża mill-ħaddiema meta jkunu qed jagħmlu traqqigħ. Fuq suġġeriment tas-Sindku se tesplora wkoll il-possibbiltà li jsiru bibs għall-ħaddiema u l-kuntratturi kollha biex juru li huma qed jaħdmu f'isem il-Kunsill Lokali tal-Imtarfa.

3.4 Is-Sindku informa li kien irċieva korrispondenza mingħand xi ħadd li qed joffri servizz ta' footage mill-arja bi *drone*. Kien hemm qbil li huwa għandu jġib il-prezzijiet għalkemm preferibbilment għandna nistennew li jsiru xi proġetti qabel ma jintefqu flus fuq xi ħaġa simili.

3.5 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li s-SE għandha tara l-possibbiltà li jsir xi dawl fuq wara ta' Triq l-Anzjani, fejn hemm l-entraturi għall-entitajiet. Sadanittant kienet se terġa' tmur mal-electrician biex jiddiskutu l-possibbiltà li ssir il-bozza fi Triq is-27 ta' April. Is-SE infurmat ukoll li kien hemm xi problema rikurrenti fi Triq ir-Razzett l-Aħmar u li kienet se tipprova tara kif tista' tissolva f'qasir żmien.

3.6 Fuq talba tal-Kunsill kien hemm qbil li s-SE għandha titlob lill-kuntrattur tal-manutenzjoni tas-soft areas sabiex jattendi għal-laqgħa li jmiss sabiex jiġu diskussi xi problemi li hemm. Hawnhekk is-SE infurmat li għadha ma bagħtitx it-twissija. Sadanittant ġibdet l-attenzjoni li nnutat ukoll li kien hemm ħafna ħaxix mal-lokalità u għaldaqstant infurmat li kienet se tibgħat twissija wkoll lill-kennies. Il-Kunsill qabel.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Is-SE preżentat rapport tad-dħulijiet għax-xahar ta' April 2015.

## 5. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI GĦAD-DAWL – MIŻURA 313 - IL-PROĠETT TAL-BOSK

5.1 Is-SE infurmat li kienet inħarġet il-kwotazzjoni bl-għajnuna tal-periti u inġinier fejn skont ir-rapporti li kellha lura jidher li l-ebda offerta milli ġiet irċevuta ma hi skont l-ispeċifikazzjonijiet. Għaldaqstant l-inġinier ma seta' jirrakkomanda ebda waħda biex tiġi magħżula. Fid-dawl ta' dan kollu, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jwaqqa' din l-offerta.

5.2 Is-SE fakkar lis-SE sabiex tivverifika mal-Perit jekk hux possibbli li jsir monument artistiku kif kien pjanat. Is-SE infurmat li din l-idea kellha titwarrab minħabba li kien hemm nuqqas ta' fondi u li l-ħsieb kien li jsir kemm-il darba jkun hemm xi tfaddil. Min-naħa l-oħra kienet se tfakkar lill-Perit dwarha.

## 6. FONDI ADDIZZJONALI – MIŻURA 313 - IL-PROĠETT TAL-BOSK

6.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet lura min-naħa tas-Sur Raphael Scerri, mill-*Managing Authority,* fejn kien approva li l-Kunsill jirċievi fondi addizzjonali għal numru ta' xogħlijiet li ġew proposti li jsiru, u li ġew deċiżi waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-*QUARTERLY REPORT* (JANNAR – MARZU 2015)

7.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet email mingħand l-*accountant* li kien se jkun imsiefer u għaldaqstant dan l-item fuq l-aġenda kellu jinqabeż.

**8. MEMO 27/2014 – SKEMA DWAR INIZJATTIVI TA’ ATTIVITAJIET KULTURALI 2014 - 2015**

8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet risposta lura fejn il-Kunsill ingħata €5000 bħala għajnuna biex jorganizza l-attività. Hawnhekk kien hemm diskussjoni fejn kien hemm qbil li l-massimu li l-Kunsill kien se jonfoq kien ta’ €2000 aktar mill-fondi tiegħu apparti din is-somma. Min-naħa l-oħra kien hemm qbil li aktar ‘il quddiem terġa’ ssir diskussjoni biex possibbilment il-Kunsill jaħdem biss bis-somma li se jingħata bħala għajnuna mill-Gvern Ċentrali.

8.2 Hawnhekk skuzat ruħha l-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien l-10:00pm.

**9. MEMO 6/2015 – DEPOŻITAR TA’ FLUS FIL-KONT TAL-BANK TAL-KUNSILL LOKALI**

9.1 Is-SE infurmat li D-Dipartiment kien bagħat memo fejn qed ifakkar lill-Kunsilli li huma għandhom jiddepozitaw il-flus li jdaħħlu fil-ġurnata mill-inqas darbtejn fil-ġimgħa. Hija infurmat li s’issa l-Kunsill dejjem iddepozita l-flus tiegħu darba fil-ġimgħa biss għaliex l-ammonti ta’ flejjez li jiġġenera l-uffiċċju huma zgħar wisq.

9.2 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibqa’ jiddepozita l-flus tiegħu fuq bazi ta’ darba fil-ġimgħa.

**10. MEMO 8/2015 – FTEHIM KOLLETTIV GĦAL ĦADDIEMA KLERIKALI TAL-KUNSILLI LOKALI**

10.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet memo oħra sabiex il-Kunsilli jiġu infurmati bil-ftehim kollettiv ġdid tal-ħaddiema klerikali u fejn qed jintalbu sabiex jassiguraw li l-ħaddiema jiġu rifuzi flus skont kif indikat. Is-SE infurmat li hija kienet se tara x’se jkun l-ammont ta’ flus li għandhom jiġu rifuzi lura lill-iskrivan.

**11. MEMO 9/2015 – KODIĊI TA’ ETIKA GĦAR-RAPPREZENTANTI ELETTI TAL-GVERN LOKALI**

11.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet memo fejn il-Kunsilliera kollha kienu qed jintalbu jerġgħu jikkonfermaw li rċevew, qraw u fehmu l-kodiċi tal-etika, li huma linja gwida għall-funzjoni tagħhom fi ħdan il-Kunsill Lokali.

**12. MEMO 10/2015 – GĦAJNUNA LILL-KUNSILLI LOKALI LI GĦANDHOM IR-RESPONSABBILTÀ TA’ LIBRERIJA LOKALI**

12.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mid-Dipartiment fejn kienet qed tiġi offruta għajnuna finanzjarja lil dawk il-Kunsilli li lesti jonfqu sa €600 f’kotba għal-librerija. Il-Kunsill qabel li għandu jagħmel investiment ta’ €600 f’kotba ġodda.

## 13. *PERFORMANCE MANAGEMENT PROGRAMME – STUDY VISIT AND TRAINING IN NORWAY*

13.1 Is-SE infurmat li hi u s-Sindku kien ilhom numru ta' xhur jattendu għal laqgħat u taħriġ sabiex jiġu stabbiliti indikaturi ta' performance ġodda għall-Kunsilli Lokali Maltin. Sadanittant huma kienu ġew mistiedna jattendu għal aktar taħriġ fin-Norveġja bejn il-25 u d-29 ta' Mejju 2015. Minħabba li s-Sindku se jkun impenjat bl-ezamijiet, kien se jattendi għal dan it-taħriġ il-Viċi Sindku.

13.2 Hawnhekk is-SE infurmat ukoll li l-ispejjez kollha ħlief għall-assigurazzjoni huma koperti mill-UE u kull ħlas li jista' jsir mill-Kunsill kien se jiġi rifuz lura.

## 14. INGAĠĠ TA' UFFIĊJAL EZEKUTTIV (SKALA 13)

14.1 Is-SE infurmat li kienet bagħtet tinforma lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar il-vakanza li kien se jkun hemm fil-Kunsill mill-5 ta' Ġunju wara li l-iskrivan tal-Kunsill ikun wasal għall-età pensjonabbli. Min-naħa tad-Dipartiment u l-ETC kienu għaddewlha l-permessi neċessarji sabiex jinbeda l-proċess għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Ezekuttiv fi Skala 13 hekk kif kien diġà approvat waqt l-aħħar baġit. Hija infurmat li s-sejħa interna (bejn il-Kunsilli Lokali) tagħlaq it-Tnejn 18 ta' Mejju 2015.

14.2 Sadanittant siegħa qabel il-laqgħa tal-Kunsill hija kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand l-iskrivan fejn dan kien qed jitlob biex il-Kunsill jikkunsidra li jzommu aktar mill-età pensjonabbli. Hawnhekk is-SE infurmat li skont il-kodiċi tal-PSMC li kienu ntbagħtu mehmuza mal-korrispondenza tad-Dipartiment, mhux possibbli li wieħed izomm ħaddiema li jkollhom 'il fuq minn 62 sakemm dawn ma jkunux esperti f'xi qasam partikolari u huwa diffiċli biex jinstab xi ħaddieħor minflokhom. Barra minn hekk, id-Dipartiment kien għamilha ċara li l-ingaġġ tal-impjegat il-ġdid jista' jsir kemm-il darba jkun bħala replacement għall-impjegat li ħiereġ.

14.3 Kien hemm qbil li s-SE għandha tkompli bil-proċess tal-ingaġġ tal-Uffiċjal Ezekuttiv.

## 15. PROĠETT TAL-PJAZZA

15.1 Is-Sindku informa li ma kellux aktar dettalji u għaldaqstant talab li dan l-item jerġa' jidher fl-aġenda li jmiss.

## 16. PUNTI OĦRA

16.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet talba minn Aqra Miegħi sabiex jibdew jiġu organizzati sessjonijiet ta' qari fil-librerija tal-Kunsill. Il-Kunsill approva. Hawnhekk kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha ġġib kwotazzjonijiet għal *air conditioner* minħabba s-sħana.

16.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa għandha tkompli għalkemm kienu waslu l-10:30pm.

16.3 Il-Kunsillier Mifsud informa li r-Reġjun Tramuntana flimkien mal-LEAP kienu se jorganizzaw attività bl-isem ta' Spring Festival nhar is-17 ta' Mejju ġewwa l-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. Huwa ħeġġeġ lill-Kunsilliera kollha sabiex jattendu.

16.4 Hawnhekk is-Sindku talab lis-SE sabiex tfakkar lill-Perit biex jibda jaħdem fuq rapport u stima tar-restawr tat-torri tal-arloġġ.

16.5 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għaliex jidher li l-iskrivan li qiegħed fuq l-iskema tad-dizabbilità kien qed jintbagħtlu l-bonus min-naħa tad-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali wkoll minbarra li tħallas hi mal-paga. Għaldaqstant infurmat li kienet se tkun qed tnaqqas ammont ta' flus fix-xahar sabiex dawn il-flus jiġu rifuzi lura lill-Kunsill.

16.6 Is-SE infurmat li kienet qed iġġib kwotazzjonijiet għat-tiswija ta' sprall fi Triq Sir Philip Pullicino kif ukoll għall-irranġar ta' parti mill-bankina fi Triq l-Imtarfa (faċċata ta' Binja Msieraħ). Il-Kunsill qabel li kemm-il darba ssib kwotazzjonijiet li huma taħt il-massimu ta' *direct order*, hija għandha tmexxi bix-xogħlijiet.

## 17. AĠĠORNAMENT

17.1 Il-laqgħa spiċċat fil-10:50pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn l-1 ta' Ġunju 2015 fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Daniel John Attard**<br>**Sindku** |